II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUNSILL

DECIZJONI TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Marzu 2009

dwar l-iffirmar ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili

(2009/469/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 9(2) u 133(4) flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità, innegozjat Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili mal-Kanada skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati;

(2) Il-Ftehim innegozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat, suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu fi stadju aktar tard;

(3) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jassiguraw li l-ftehimiet bilaterali tagħhom mal-Kanada dwar l-istess suġġett jintemmu fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada qed jiġi b'dan approvat f'isem il-Komunità, suġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.

It-test tal-Ftehim jinstab anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa bil-preżenti awtorizzat li jaħtar il-persuna/persuni li jkollha/jkollhom is-setgħa li jiffirma(w) il-Ftehim f'isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Marzu 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

I. LANGER